**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 25 ta' Marzu 2024**

**Avviz nru: 58/2023 MLF**

**Redorange Image Consultants Limited**

**vs**

**The Wrap Company Limited**

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors tas-socjeta attrici fejn esponiet illi s-socjeta konvenuta kienet inkarigat is-servizzi tas-socjeta attrici kif jirrizulta mill-istima datata 19 ta' Novembru 2019, annessa u mmarkata bhala Dok 'A' liema stima kienet giet accettata u ffirmata mis-Sur Hakan Kaya, wiehed mid-diretturi tal-istess socjeta konvenuta.

   Illi s-servizzi indikati fl-imsemmija stima gew rezi fl-intier taghhom salv ghal zewg disinji tal-pakkegjar li s-socjeta konvenuta talbet il-bidla taghhom fit-twettiq ta' xoghol iehor wara l-iffirmar tal-istima, kif jirrizulta mill-fattura finali numru 8638 datata 28 ta' Jannar 2020 li nharget lis-socjeta konvenuta sabiex isir il-hlas dovut (Dok 'B')

   Illi in vista tas-suespost, is-socjeta konvenuta hija debitrici tas-socjeta attrici fis-somma globali ta' sebat elef, sitt mija u sebghin euro (€7,670) rapprezentanti:

   1. in kwantu ghal tlett elef u hames mitt euro (€3,500), is-somma dovuta ghal holqien ta' ditta u ghall-hrug ta' linji gwida in konnessjoni mal-istess ditta;

2. in kwantu ghal elf u disa mitt ewro (€1,900), is-somma dovuta ghal zewg disinji tal-pakkegjar;

3. in kwantu ghal mitejn u hamsa u erbghin euro (€245), is-somma dovuta ghad-disinjar ta' sticker;

4. in kwantu ghal tliet mija u hamsa u ghoxrin euro (€325), is-somma dovuta ghad-diversi emendi li saru fuq id-disinn tal-isticker;

5. in kwantu ghal hames mija u tletin euro (€530), is-somma dovuta ghad-disinjar ta' materjal biex jintuza fuq il-mezzi socjali; u

6. in kwantu ghal elf, mija u sebghin euro (€1,170), it-taxxa fuq il-valur mizjud ikkalkolata bir-rata ta' tmintax fil-mija (18%)

Illi s-servizzi hawn fuq imsemmija li gew rezi lis-socjeta konvenuta saru skond l-istruzzjonijiet moghtija minnha.

Illi minkejja li s-socjeta konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex thallas, inkluz permezz tal-ittra ufficjali bin-numru 2830/2022 datata 12 ta' Dicembru 2022, hi baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din it-talba.

Illi ghaldaqstant, is-socjeta rikorrenti talbet lill-Qorti sabiex tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallasha s-somma ta' sebat elef, sitt mija u sebghin Euro (€7,670) u dan taht kull provvediment li din il-Qorti joghgbobha timponi.

Bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi mid-data tal-hrug tal-fattura numru 8638 kontra s-socjeta konvenuta.

2. Rat li s-socjeta konvenuta debitament notifikata naqset li tipprezenta risposta u li tidher fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2024

3. Rat li fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2024 gie pprezentat kapitolu ghas-subizzjoni tas-socjeta konvenuta.

4. Rat li fis-seduta tal-lum is-socjeta konvenuta imsejha tlett darbiet naqset li tidher, u ghalhekk il-kapitolu tas-socjeta attrici ghandu jitqies bhala mistqarr.

5. Semghet ix-xhieda ta' Daniel Abela, in rapprezentanza tas-socjeta attrici, fis-seduta tal-lum u rat id-dokumenti minnu esebiti

6. Rat li s-seduta tal-lum kienet intiza ghall-provi kollha tal-partijiet, izda s-socjeta konvenuta la dehret u lanqas ipprezentat provi u ghalhekk il-Qorti tiddikjarat l-istadju tal-provi taghha maghluq.

7. Rat l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u d-dokumenti ezebiti.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Fix-xhieda tieghu Daniel Abela spjega l-ftehim li kien hemm bejn is-socjeta attrici u s-socjeta konvenuta u s-servizzi li gew rezi lis-socjeta konvenuta. Minn din ix-xhieda jirrizulta li l-ammont ta' seba t'elef sitt mija u sebghin euro (€7,670) ghadu dovut lis-socjeta attrici ghas-servizzi minnha ipprestati lis-socjeta konvenuta. Minn din ix-xhieda jirrizulta wkoll li s-socjeta konvenuta qatt ma tat lis-socjeta attrici xi raguni, wisq inqas wahda valida, ghalfejn ma tridx thallas l-ammont minnha dovut.

9. Din il-Qorti m'ghandhiex raguni valida ghalfejn ghandha tiddubita mill-vericita tax-xhieda ta' Daniel Abela, li hija ikkorroborata wkoll mid-dokumenti minnu esebiti. In oltre, il-kapitolu ipprezentat mis-socjeta attrici, ghandu jitqies mistqarr mis-socjeta konvenuta, stante li din naqset li tidher ghas-subizzjoni fis-seduta tal-lum.

**Konkluzjoni**

10. Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' sebat elef, sitt mija u sebghin euro (€7,670) bl-imghax legali mit-28 ta' Jannar 2020 - data tal-hrug tal-fattura numru 8638 - sad-data tal-hlas effettiv.

11. L-ispejjez kollha in konnessjoni ma’ dawn il-proceduri, inkluz dawk tal-ittra ufficjali bin-numru 2830/2022, ghandhom jigu subiti mis-socjeta konvenuta.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**